# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar 2025.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1265/2011/1 JRM**

**Josette Agius u Carmel Agius għan-nom u in rappreżentanza ta' binhom Sean Agius; u Dean Agius**

**v.**

**Gary Falzon u Maria Rosaria Falzon u b'digriet tal-14 ta' Frar 2012 interveniet fil-kawża s-soċjetà Middlesea Insurance p.l.c**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI:</u>**

1. Dan il-każ jirrigwarda inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq il-Bidnija, limiti tal-Mosta, nhar il-Ħadd, 3 ta' Ottubru 2010, wara nofsinhar.

L-aħwa Dean u Sean Agius, dak iż-żmien minorenni, kienu rikbin fil-vann proprjetà tal-konvenuta Maria Rosaria Falzon li però kien qiegħed jinstaq mill-konvenut binha Gary Falzon li ma kellux liċenzja tas-sewqan. Riżultat tal-ħabta l-aħwa Agius sfaw midruba u għalhekk saret din il-kawża għal-likwidazzjoni tad-danni fir-rigward.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-15 ta' Mejju 2018 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili Qorti sabet li għall-inċident kienu jaħtu l-konvenuti Gary Falzon u Maria Rosaria *in solidum* u kkundannathom iħallsu lill-atturi s-somma ta' €52,764 (*ossia* s-somma €7,050 *in linea* ta' *damnum emergens* dovuta lil Sean Agius, u s-somma ta' €45,714 *in linea* ta' *lucrum cessans* dovuta lil Dean Agius).

3. Minn tali deċiżjoni ġew interposti appell prinċipali u appell inċidentali:

(a) fl-4 ta' Ġunju 2018 Maria Rosaria Falzon interponiet **APPELL PRINĊIPALI** fejn talbet lil din il-Qorti:

> *"…tħassar in parte is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Mejju 2018, u tiddikjara illi l-istess appellanti mhijiex bl-ebda mod responsabbli għad-danni mġarrba minn Sean u Dean aħwa Agius b'riżultat tal-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-3 ta' Ottubru 2010 fi Triq il-Bidnija fil-limiti tal-Mosta, u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, u mingħajr preġudizzju għal dan u in subsidium, tiddikjara illi l-istess Sean Agius u Dean Agius kif ukoll ommhom Josette Agius kienu in parte responsabbli għall-istess inċident awtomobilistiku li seħħ nhar it-3 ta' Ottubru 2010 fi Triq il-Bidnija, limiti tal-Mosta, fil-proporzjon li għandha tiddetermina dina l-Onorabbli Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 1051 tal-*

*Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u konsegwentement tordna t-tnaqqis tad-danni f' dik l-istess proporzjon deterinat minnha. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellati."*

(b) fid-19 ta' Lulju 2018 Josette Agius u Carmel Agius għan-nom u in rappreżentanza ta' binhom Sean Agius, u Dean Agius interponew **APPELL INĊIDENTALI** fejn talbu lil din il-Qorti:

*"…tvarja s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor. Joseph R Micallef nhar il-15 ta' Mejju 2018 billi:*

*1) Tikkonfermaha f' dik il-parti fejn laqgħet it-talbiet attriċi, ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-imħarrkin u sabet lill-imħarrkin solidalment responsabbli għad-danni mġarrba mill-atturi Sean u Dean, aħwa Agius, b'riżultat tal-inċident li seħħ fit-3 ta' Ottubru 2010 fi Triq il-Bidnija, limiti tal-Mosta;*

*2) Tvarjaha fejn illikwidat id-danni mġarrba mill-imsemmija atturi u minflok tillikwida d-danni fis-somma komplessiva ta' €82,191.50 jiġifieri €7,050 bħala damnum emergens dovuti lill-esponenti Sean Agius u €75,141.50 bħala lucrum cessans dovuti lill-esponenti Dean Agius jew somma verjuri.*

*Bl-ispejjeż tal-ewwel istanza kontra l-konvenuti kollha u bl-ispejjeż tat-tieni istanza kontra l-appellanti Maria Rosaria Falzon."*

4. Għal intendiment aħjar ta' dawn l-appelli din il-Qorti qiegħda tirriproduċi s-sentenza appellata:

"Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-20 ta' Diċembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi fil-kwalita` tagħhom premessa jitolbu li din il-Qorti (i) ssib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għad-danni mġarrba minnhom b'riżultat ta' ħabta bejn karozzi li seħħet fi Triq il-Bidnija, limiti tal-Mosta, fit-3 ta' Ottubru, 2010, wara nofsinhar u dan minħabba sewqan bla ħila, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' ħarsien tar-Regolamenti tat-traffiku min-naħa tal-imħarrek; (ii) tillikwida d-danni mġarrba, jekk hemm bżonn billi taħtar perit għal dan il-għan; u (iii) tikkundanna lill-imħarrkin jew lil min minnhom sabiex iħallsu d-danni mġarrba u hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax sad-data tal-ħlas effettiv;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta' Frar, 2012[1] , li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-14 ta' Frar, 2012[2] , li bih laqgħet talba magħmula mis-soċjetà Middlesea Insurance p.l.c., b'rikors tagħha tas-6 ta' Frar, 2012, biex titħalla tintervjeni fil-kawża in statu et terminis;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-23 ta' Frar, 2012[3] , li biha l-kumpannija intervenuta fil-kawża tilqa' għall-azzjoni attriċi billi tiċħad kull responsabilita` għal dak li ġara u, minflok, tixli lill-atturi bil-ħtija tal-ħabta u ta' dak li setgħu ġarrbu minħabba fiha. Tgħid ukoll li f'kull każ, jaqa' fuq l-atturi li jippruvaw id-danni li jgħidu li ġarrbu. Fl-istess waqt, żammet sħaħ il-jeddijiet tagħha kontra l-imħarrkin, fid-dawl tal-fatt li l-imħarrek Gary Falzon saq vettura mingħajr ma kien kopert bil-polza ta' assikurazzjoni billi ma kellux liċenzja tas-sewqan;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-8 ta' Marzu, 2012[4] , li biha l-imħarrka Maria Rosaria Falzon tilqa' għall-azzjoni attriċi billi tiċħad kull responsabilita` għall-inċident. Tiċħad ix-xiljiet tal-atturi li kienet hi li ħalliet lil binha l-imħarrek isuq il-vettura u għalhekk tgħid li ma għandhiex tinżamm responsabbli biex tagħmel tajjeb għal xi danni mġarrba;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa wkoll fit-8 ta' Marzu, 2012[5] , li biha l-imħarrek Gary Falzon jilqa' għall-azzjoni attriċi billi jiċħad kull responsabilita` għall-inċident, u għaldaqstant jgħid li m'għandux jerfa' ħtija għall-ħabta u lanqas jagħmel tajjeb għal xi danni mġarrba mill-atturi. Iżid jgħid illi l-atturi jridu jippruvaw id-danni minnhom imġarrba u li m'għandux iwieġeb għan-nuqqasijiet tagħhom fil-konfront tal-minuri Sean Aġius billi kienu fid-dmir li ma jħallux lil binhom jirkeb fil-vettura kemm-il darba kellhom suspett dwar in-nuqqas ta' sigurta` tiegħu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Mejju, 2012[6] , li bih ħatret lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor ix-xhieda tal-partijiet;

Rat is-surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[7] , li bis-saħħa tagħha din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2015[8] , li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tiġbor il-kumplament tax-xhieda tal-partijiet;

---

[1] Paġ. 12 tal-proċess
[2] Paġ. 18 tal-proċess
[3] Paġġ. 20 – 1 tal-proċess
[4] Paġġ. 23 – 4 tal-proċess
[5] Paġġ. 25 – 6 tal-proċess
[6] Paġ. 30 tal-proċess
[7] Paġġ. 109 – 110 tal-proċess
[8] Paġ. 188 tal-proċess

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Frar, 2017[9] , miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Maria Dolores Gauci, li bih il-partijiet qablu dwar żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija intervenuta fil-kawża tas-26 ta' Mejju, 2017[10] ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi tal-31 ta' Mejju, 2017[11] ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Gary Falzon tal-31 ta' Lulju, 2017[12] ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka Maria Rosaria Falzon tal-31 ta' Lulju, 2017[13] ;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2017[14], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara ħabta bejn żewġ karozzi u li fiha korrew ulied l-atturi, li kienu rekbin fil-karozza misjuqa mill-imħarrek x'ħin din ħabtet ma' karozza oħra. Huma jixlu lill-imħarrek bil-ħtija ta' dak li ġara, sew għaliex ma kellux liċenzja tas-sewqan u wkoll għaliex saq b'mod traskurat, bla ħila u bi ksur tar-Regolamenti tas-sewqan. Jixlu lill-imħarrka ommu bi ħtija wkoll talli ħallietu jsuq il-karozza tagħha bla ma kien liċenzjat jew assikurat biex jagħmel hekk. L-atturi jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minħabba l-ġrieħi li ġarrbu fil-ħabta;

Illi l-imħarrkin u l-kumpannija intervenuta fil-kawża, min-naħa l-oħra, jilqgħu billi jgħidu li huma ma jaħtu xejn għal dak li ġara u li l-atturi ġabu l-għawġ fuqhom bl-imġiba tagħhom stess;

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li nhar il-Ħadd 3 ta' Ottubru, 2010, għall-ħabta ta' l-erbgħa ta' wara nofsinhar, l-atturi Sean u Dean aħwa Agius telqu mid-dar tal-ġenituri tagħhom fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, flimkien mal-imħarrek Gary Falzon u ħabib ieħor tagħhom (Francesco Cachia Caruana), rekbin karozza (vann) tal-għamla Maruti Omni reġistrata FBH-986 misjuqa mill-imħarrek. Il-vettura kienet

[9] Paġ. 218 tal-proċess
[10] Paġġ. 220 – 235 tal-proċess
[11] Paġġ. 236 – 251 tal-proċess
[12] Paġġ. 255 – 266 tal-proċess
[13] Paġġ. 267 – 280 tal-proċess
[14] Paġ. 254 tal-proċess

reġistrata fuq isem l-imħarrka Maria Rosaria Falzon. L-attur Dean Aġius kien riekeb bħala passiġġier fuq quddiem[15] filwaqt li ħabibhom Francesco Cachia Caruana u l-attur l-ieħor Sean Aġius kienu rekbin wara[16], billi l-istess attur kien talab li jaqtgħuh sal-Mosta[17] ;

Illi jirriżulta li dakinhar l-imħarrek Gary Falzon ma kellux liċenzja tas-sewqan u lanqas kien assikurat biex isuq il-karozza ta' ommu[18] . L-assikurazzjoni fis-seħħ kienet tal-għamla "*third party only*" [19] u kienet tkopri sewwieqa ta' 'l fuq minn ħamsa u għoxrin (25) sena [20] ;

Illi jirriżulta li l-attur Dean Aġius u l-imħarrek Gary Falzon ma kienx ilhom ħbieb wisq, iżda ma kinetx l-ewwel darba illi Falzon saq vettura u rikkeb lil Aġius miegħu[21] . L-imħarrek jgħid li Aġius kien jaf li ma kellux liċenzja tas-sewqan [22], iżda Aġius jiċħad dan u jgħid li assuma li Falzon kellu liċenzja tas-sewqan billi kien rah isuq aktar minn vettura waħda[23] . Dakinhar tal-ħabta, l-attriċi Josette Aġius, qabel ma ħarġu mid-dar, staqsiet b'mod dirett lill-imħarrek Falzon jekk għandux liċenzja tas-sewqan, għal liema domanda Falzon wieġeb fl-affermattiv[24]. Hija tgħid li nsistiet li twassal lil uliedha fejn riedu jmorru, iżda huma xtaqu jmorru ma' sħabhom[25]. Min-naħa l-oħra, l-imħarrka Maria Rosaria Falzon ma kinetx taf li binha kien qed isuq il-vettura tagħha. Hi kienet taħt l-impressjoni li dik inhar il-vettura tagħha kienet ser tinstaq minn ħabib ieħor ta' binha li kellu bżonn ta' vettura għal ftit tal-ġranet, iżda ma vverifikatx jekk dan il-ħabib kellux liċenzja tas-sewqan [26];

Illi ftit tal-ħin biss wara li telqu mid-dar tal-atturi u waqt li kienu għadhom fil-Bidnija, l-imħarrek Falzon ittanta jaqla' vettura li kienet qiegħda quddiem dik misjuqa minnu, qasam fil-karreġġjata opposta u sab ma' wiċċu vettura, tal-għamla Peugeot 306 bin-numru tar-reġistrazzjoni HAC-501, misjuqa minn Carmela Fells. Iż-żewġ vetturi ħabtu ma' xulxin fuq quddiem fil-karreġġata li fiha kienet qiegħda tinsaq il-vettura ta' Carmela Fells. L-impatt kien wieħed qawwi ħafna[27], tant li l-attur Dean Aġius u l-imħarrek baqgħu maqbudin fil-vann sa ma ġew membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li qattgħu l-vann b'tagħmir apposta biex setgħu ħarġuhom mit-tifrik[28];

---

15 Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 147 tal-proċess
16 Xhieda tal-attur Sean Aġius fil-kontro-eżami f'paġ. 163 tal-proċess
17 Xhieda ta' Francesco Cachia Caruana f'paġ. 59 tal-proċess
18 Xhieda tal-imħarrka Maria Rosaria Falzon f'paġ 192 – 3 tal-proċess
19 Dok "KC1", f'paġ., 127 – 8 tal-proċess
20 Xhieda ta' Kenneth Camilleri f'paġ. 125 tal-proċess
21 Xhieda tal-attur Dean Aġius f'paġ. 143 – 4 tal-proċess
22 Affidavit tal-imħarrek Gary Falzon, Dok. "X", f'paġ. 185 tal-proċess
23 Xhieda tal-attur Dean Aġius f'paġ. 146 u 155 tal-proċess
24 Affidavit tal-atturi Sean Aġius, Dean Aġius u Josette Aġius f'paġġ. 63, 67 u 71 tal-proċess
25 Xhieda tal-attriċi Josette Aġius f'paġ. 132 tal-proċess
26 Xhieda tal-imħarrka Maria Rosaria Falzon f'paġġ. 193 – 4 tal-proċess
27 Affidavit tal-atturi Sean Aġius u Dean Aġius f'paġġ. 64 u 68 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Carmela Fells f'paġġ. 32A - 32B tal-proċess u r-*Road Accident Report*, Dokti. "A" u "EC1", f'paġġ 8 u 93 tal-proċess
28 Affidavit tal-imħarrek f'paġ. 186 tal-proċess

Illi l-imħarrek Falzon, l-atturi aħwa Aġius u l-ħabib tagħhom Cachia Caruana ttieħdu lkoll l-Isptar Mater Dei minħabba l-ġrieħi li ġarrbu. F'rapport li nħareġ dakinhar tal-ħabta ssemma li kemm l-imħarrek u kif ukoll l-atturi aħwa Aġius kienu, għal xi ħin, fil-periklu li jitilfu ħajjithom. B'riżultat tal-inċident, l-attur Sean Aġius ġarrab ġrieħi fix-xedaq ta' fuq (minħabba li ttajru xi snien ta' quddiem) u l-ħniek[29], filwaqt li l-ġrieħi li ġarrab ħuh Dean kienu f'riġlejh, fil-polz lemini u fuq ġbinu 'l fuq mill-għajn leminija[30]. Fil-fatt, l-attur Dean Aġius inżamm għall-kura fl-Isptar għal xi jiem u baqa' jrid juża siġġu tar-roti sa Marzu tal-2011 meta reġgħet saritlu operazzjoni f'riġlu x-xellugija u minn Ġunju ta' dik is-sena 'l quddiem beda jimxi mill-ġdid mingħajr l-għajnuna tal-krozzi[31] ;

Illi l-atturi aħwa Aġius jgħidu li, wara l-ħabta, ħajjithom inbidlet u għadhom ibatu l-konsegwenzi ta' dan l-inċident sal-ġurnata ta' llum. Filwaqt li fil-każ tal-attur Dean Aġius il-problemi jidhru li huma fiżiċi, dawk ta' l-attur Sean Aġius kienu anke psikoloġiċi[32]. Fil-każ tal-attur Dean Aġius, baqa' jidher merk f'kull riġel minħabba l-interventi kirurġiċi li saru minħabba l-ksur imġarrab u nstab li għandu debilità li ma tgħaddix ta' ħmistax fil-mija (15%);

Illi dakinhar tal-inċident il-Pulizija sabet sustanza illegali fil-pussess tal-imħarrek, li huwa stqarr magħhom li kien xtraha xi jiem qabel[33] ;

Illi dakinhar tal-inċident, l-imħarrek Gary Falzon kellu tmintax-il (18) sena, l-attur Dean Aġius sbatax-il (17) sena, filwaqt li l-attur Sean Aġius kellu biss ħmistax-il (15) sena;

Illi fl-1 ta' Settembru, 2011, l-attur Dean Aġius ġie iċċertifikat li kien qiegħed ibati minn debilità u li din m'hijiex sejra tgħaddi maż-żmien. Il-konsulent mediku fil-fatt huwa tal-fehma li d-diżabilita` tiegħu kienet fil-grad ta' ħmistax fil-mija (15%)[34]. Fil-konfront tal-attur Sean Aġius, il-konsulent mediku huwa tal-fehma li kemm-il darba jsirlu t-trattament meħtieġ, mhux ser jibqa' jbati mill-ebda diżabilita`;

Illi fl-20 ta' Diċembru, 2011 infetħet din il-kawża; Illi l-Pulizija fetħu proċeduri kriminali kontra l-imħarrek Gary Falzon, u għadhom ma ngħalqux[35] ;

Illi l-Qorti tibda bil-<u>konsiderazzjonijiet legali</u> li jolqtu l-każ billi tgħid li, bħala prinċipju, "f'azzjoni bħal din l-attur jeħtieġlu jipprova l-fatt dannuż, l-imputabilita' ta' dan il-fatt għal min ikun ikkaġunalu d-danni, u l-event

[29] Affidavit tal-attur Sean Aġius f'paġ. 65 tal-proċess
[30] Affidavit tal-attur Dean Aġius f'paġ. 69 tal-proċess
[31] Dok "Ċ1", f'paġġ. 38 – 9 tal-proċess
[32] Affidavits tal-atturi Sean Agius u Dean Aġius f'paġġ 65 – 6 u 69 – 70 tal-proċess. Ara wkoll fil-konfront tal-attur Sean Aġius ir-rapport maħruġ ex parte mill-kirurgu dentali Anthony Charles, Dok. "Ċ2" fejn f'paġ. 44 issir referenza għall-problemi psikoloġiċi li ġarrab
[33] Ara Dok. "EC4" f'paġ. 99 tal-proċess
[34] Ara Dok. "C1" f'paġġ. 37-42 tal-proċess
[35] Xhiedatal-Ispetttur Edmond Cuschieri f'paġ 88A tal-proċess, Dok. "EC2" u Dok. "EC3" f'paġġ. 96 – 9 tal-proċess

dannuż emerġenti minn dan l-istess fatt. Il-Qorti għalhekk jeħtieġilha teżamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruħu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxielux jipprova konklużżivament il-ġustifikazzjoni li hu javanza biex jakkolla l-ħtija fuq il-konvenut nomine” [36] ;

Illi dwar **l-ewwel stħarriġ** li trid tagħmel il-Qorti fid-dawl tal-elementi li għadhom kemm issemmew, ma jirriżultalha ebda dubju li tabilħaqq seħħ l-inċident li l-atturi jgħidu li ġara u li, fl-imsemmi inċident, iż-żewġ atturi proprio ġarrbu xi ġrieħi, fi gradi differenti u li, għal xi waqtiet, kienu jidhru li huma ġrieħi gravi;

Illi għar-rigward tad-**dinamika tal-inċident**, il-verżjoni tal-atturi hija konfermata kemm minn dik ta’ Carmela Fells, sid u sewwieqa tal-vettura l-oħra involuta fil-ħabta, u mix-xebh fil-verżjoni mogħtija mill-imħarrek innifsu[37]. Ma hemmx l-ebda dubju li l-ħabta frontali seħħet fil-karreġġata meħuda mill-karozza misjuqa minn Fells u li l-vettura misjuqa mill-imħarrek Falzon kienet instabet fuq dik il-karreġġata wara li l-imħarrek qala’ vettura oħra li kienet sejra fl-istess direzzjoni ta’ fejn kien sejjer hu waqt li t-tnejn kienu qegħdin joqorbu liwja li ma tagħtix viżwali biżżejjed ’il quddiem dwar x’jista’ jkun riesaq lejhom. Jidher ukoll li dik il-parti tat-triq fejn saret il-ħabta kienet b’niżla u l-vann misjuq mill-imħarrek kien sejjer għat-telgħa;

Illi fid-dawl ta’ dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti ssib li għandha toqgħod mal-verżjoni mressqa mill-atturi;

Illi dwar ir-**responsabilita` ta’ min jaħti għall-inċident**, irid jingħad qabel kull ħaġa oħra li f’din il-kawża, it-talbiet attriċi huma msejsa fuq il-ħtieġa tas-sejbien ta’ ħtija fl-imħarrkin, jew f’min minnhom, u dan minħabba sewqan ta’ vettura b’mod traskurat jew bi ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku. L-imħarrkin u l-kumpannija intervenuta fil-kawża, min-naħa l-oħra, iwarrbu għal kollox l-aġir tal-imħarrek bħala sewwieq f’dan l-inċident u jibnu d-difiża tagħhom fuq il-ħtija kontributorja tal-atturi aħwa Aġius *proprio* talli għażlu li jirkbu fil-vann mal-imħarrek Falzon u dik ta’ ommhom talli ħalliethom jirkbu l-istess vettura meta kienet taf li l-imħarrek ma kellux liċenzja biex isuq;

Illi sabiex il-Qorti tqis id-difiża ta’ l-imħarrkin, qabel kull ħaġa oħra trid tqis s-sehem li kellu l-imħarrek Falzon fl-inċident. Mix-xhieda mressqa u mid-dokumenti li ġew prodotti, lill-Qorti jirriżultawlha żewġ fatti fil-konfront tiegħu: l-ewwel, li l-imħarrek Falzon ma kellux liċenzja tas-sewqan u li minkejja dan, kien isuq b’mod regolari; it-tieni, li l-imħarrek Falzon saq il-vettura b’mod traskurat. Il-Qorti tasal għal din il-fehma billi mill-provi mressqa joħroġ ċar li Falzon naqas li jħares żewġ regoli ġenerali fi kwestjonijiet ta’ stħarriġ ta’ responsabilita` f’ħabta jew inċident fit-triq: l-ewwel, billi naqas li jirregola s-sewqan tiegħu skond iċ-ċirkustanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin

[36] P.A. PS 9.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet Francis Busuttil vs Sammy Meilaq noe (mhix appellata)
[37] Ara affidavit ta’ Gary Falzon, Dok. “X” f’paġ. 186 tal-proċess

u l-kundizzjonijiet atmosferiċi), u t-tieni, billi naqas li jżomm attenzjoni (proper look out) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih [38]. Fil-fatt, (i) Falzon ma setax kellu wisq esperjenza fis-sewqan billi kellu eta` wisq żgħira u ħareġ li dakinhar saħansitra ma kienx għad kellu liċenzja tas-sewqan; (ii) Falzon ma joqgħodx fl-inħawi fejn ġara l-inċident u ma kienx midħla tat-triq billi ma kienx seta` ilu jużaha; (iii) għamel sorpass ta' vettura oħra meta kien qrib liwja u li minn fejn saret din il-manuvra l-imħarrek ma setax jara x'kien ġej mid-direzzjoni opposta[39] , (iv) biex għamel tali sorpass, kellu wkoll jidħol fil-karreġġjata l-oħra mnejn kien jista' jkun ġej traffiku (bħalma fil-fatt ġara) middirezzjoni opposta; u (v) jistqarr huwa nnifsu li kien distratt b'telefonata ċellulari li rċieva sieħbu, li kien passiġġier fuq in-naħa ta' wara tal-vettura, tant li jgħid li ħares lura biex jara minn ċempel[40]. L-imħarrek ma jipprova jiċħad bl-ebda mod li dakinhar kien jaf li la kellu liċenzja tas-sewqan u lanqas kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Lanqas ma jiċħad li kien hu, minn rajh u bla ma webblu ħadd minn dawk li kienu riekba miegħu, li għażel li jagħmel manuvra irresponsabbli li jaqbeż vettura oħra f'liwja u li qiegħed lilu nnifsu u lil min kien riekeb miegħu f'periklu ta' saħħa u ta' ħajjithom;

Illi fir-rigward ta' l-imħarrrka Maria Rosaria Falzon, jirriżulta wkoll mill-provi li ma kinetx taf x'inhu jagħmel binha bil-vettura tagħha, u li saħansitra ħalliet lil binha jwebbilha biex tħalli lil terza persuna, li ma tafhiex, tagħmel użu tal-vann tagħha (li hija tgħid li ma kinitx għadha tużah u li kienet qiegħda tfittex il-bejgħ tiegħu), minkejja li fil-fatt ma kien hemm ebda ħabib ta' binha li kellu bżonn il-vettura tagħha u li din l-iskuża kienet biss ħrafa ta' binha biex jakkapparra l-pussess tal-vann minn wara daharha. Jirriżulta wkoll li l-imħarrka naqset milli tivverifika jekk dan il-ħabib ta' binha kellux liċenzja tas-sewqan, aktar u aktar meta l-polza ta' assikurazzjoni ma kinetx tkopri sewwieqa taħt l-eta` ta' ħamsa u għoxrin sena. Taħti wkoll għaliex kienet tħalli ċ-ċavetta tal-vann f'post fejn wieħed seta` jsibha malajr u ntwera li l-imħarrek binha kien jaf fejn kellu jfittex biex isibha. Ix-xhieda tagħha fil-kontro-eżami[41] tixhed l-"għaqal" li ġenitur jikseb wara l-fatt u jirrifletti difiża li ta' spiss titqajjem biex tipprova turi li dak kollu li jkun sar ikun minn wara dahar dak li jkun; Illi huwa minnu li sid ta' karozza ma jweġibx għall-ħsara li ssir lil ħaddieħor jekk kemm-il darba l-karozza tkun qiegħda tinsaq minn ħaddieħor li mhuwiex sid dik il-karozza[42]. Imma din ir-regola ma tibqax tgħodd jekk kemm-il darba l-vettura tinsaq minn min ma jkunx assikurat jew ma jkollux liċenzja biex isuq: f'dak il-każ, hemm il-fehma li s-sid tal-vettura jsir ħati b'mod solidali mas-sewwieq terz u jkun irid iwieġeb miegħu għal kull ħsara li tiġri lil ħaddieħor[43] ;

---

[38] Ara per eżempju, P.A. RCP 26.4.2001 fil-kawża fl-ismijiet Formosa & Camilleri Ltd et noe vs Joseph Camenżuli (mhix appellata) u P.A. PS 21.10.2002 fil-kawża fl-ismijiet Stefan Bonello vs Carmelo Abela (mhix appellata) fost oħrajn
[39] Regolamenti 181, 184 u 185 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq 8
[40] Ara l-affidavit ta' Gary Falzon f'paġ. 185 tal-proċess
[41] Ara paġġ. 193 u 195 tal-proċess
[42] P.A. 11.1.1991 fil-kawża fl-ismijiet Vella vs Camilleri et (Kollez. Vol: LXXV.iii.655)
[43] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet David Scerri et vs Anthony Ċiantar et (mhix appellata)

Illi f'dan il-qafas ta' ġrajjiet, ma jistax jingħad li l-kumpannija intervenuta fil-kawża tista' titgħabba b'xi parti mill-ħtija tal-inċident. Kif ingħad qabel, meta l-vann kien involut fil-ħabta kien qiegħed jinsaq minn persuna li ma kinitx koperta bl-assikurazzjoni, u dan għaliex ma kellhiex liċenzja tas-sewqan u lanqas eta` biżżejjed biex iddaħħal fis-seħħ dwarha t-tħaddim tal-istess polza. Minħabba f'hekk, ir-rabta kuntrattwali li seta` kien hemm minħabba l-polza nqatgħet. L-atturi ma jsemmux kif, lil hinn minn dan, l-istess intervenuta fil-kawża jmissha titgħabba b'xi ħtija għal dak li ġara. Dan kollu jingħad lil hinn mill-fatt li l-kumpannija hija biss intervenuta fil-kawża, fuq talba tagħha nnifisha, u għalhekk mhijiex parti mħarrka jew lanqas tista' titqies hekk, bħalma kienet tkun li kieku ssejħet fil-kawża;

Illi madanakollu, il-Qorti trid tqis wkoll l-argument imressaq mill-imħarrkin, jiġifieri d-difiża tal-kontributorjeta` tal-atturi għal dak li seħħ. Fi kliem l-imħarrkin u l-intervenuta fil-kawża, l-attriċi Josette Aġius taħti għal dak li ġarrbu wliedha billi (i) kienet taf li l-imħarrek Falzon ma kellux liċenzja biex isuq vettura għaliex kien hemm okkażjonijiet qabel dakinhar li fihom laħqet wasslitu hi sad-dar tiegħu bil-vettura tagħha; (ii) dakinhar tal-inċident, insistiet li twassal lil uliedha hi fejn riedu jmorru; u (iii) naqset li tivverifika mal-imħarrka jekk binha l-imħarrek fil-fatt kellux liċenzja jew le tas-sewqan. Fir-rigward tal-attur Dean Aġius, id-difiża mqanqla hija fis-sens li hu kien jaf li l-imħarrek ma kellux liċenzja tas-sewqan u kien qabel li saħansitra jqarraq b'ommu u għażel li jirkeb miegħu meta kien jaf li l-imħarrek u la kellu liċenzja tas-sewqan u lanqas kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni;

Illi fil-fehma tal-Qorti, f'każ ta' kontributorjeta` japplika l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, li bis-saħħa tiegħu n-negliġenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mir-responsabilita` tad-danneġġjant iżda mhux li teskludiha għal kollox. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, mhemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[44], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[45]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta` għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[46]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta` tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi kif ingħad, "Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself" [47] ;

---

[44] App. Ċiv. 20.1.1964 fil-kawża fl-ismijiet Galdes vs Micallef (Kollez. Vol: XLVIII.i.59)
[45] P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Onorato Buġeja vs Dennis Aġius
[46] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Richard Fenech vs Rook Construction Ltd et
[47] Froom vs Butcher CA QB 286 (1976) per Denning L.J.

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita` li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaga li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l- għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih[48]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita` mill-għemil tal-parti l-oħra[49] ;

Illi fid-dawl tal-priċipji li għadhom kemm issemmew, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attriċi (dak iż-żmien bħala l-ġenitur li kellha l-kura u l-kustodja ta' wliedha li kienu għadhom taħt l-eta`) ma tistax titqies li ikkontribwiet għall-inċident, dan billi wliedha żġiċċaw mid-dar minkejja l-insistenza tagħha li twassalhom hi. Intwera wkoll[50] li hija ma emmnitx lill-imħarrek li tassew kellu l-liċenzja tas-sewqan u baqgħet tisħaq ma' wliedha biex twassalhom hi fejn riedu jmorru u mhux jirkbu mal-imħarrek. Għaldaqstant ma jistax jingħad li hemm preżenti l-element tal-volontarjeta jew ta' qbil min-naħa tal-attriċi. Dan jista' jfisser ukoll għaliex, imqar ftit minuti wara li ntebħet li wliedha ma kinux għadhom id-dar, ippruvat tilħaqhom b'telefonata u ma weġbuhiex għaliex kienet diġa` saret il-ħabta ftit biss 'il bogħod mid-dar tagħha. Irid jingħad ukoll li mhux argument aċċettabbli għall-Qorti li l-attriċi messha ivverifikat ma' omm l-imħarrek dwar jekk kellux liċenzja jew le qabel ma ħalliet lil uliedha jidħlu fil-vettura mal-imħarrek. Dan qiegħed jingħad għaliex, fl-ewwel lok, ħareġ li l-attriċi kienet saħqet mal-imħarrek dwar jekk kellux tabilħaqq liċenzja biex isuq u hu weġibha fl-affermattiv, u fit-tieni lok, dan għaliex ir-raġuni tgħidlek li persuna li ssuq vettura ta' ħaddieħor tagħmel dan bil-kunsens ta' sidha u l-attriċi ma kellhiex għalfejn tiddubita f'dak li qalilha l-imħarrek;

Illi l-Qorti tasal ukoll għall-fehma li l-atturi *proprio* aħwa Aġius ma kkontribwewx għall-inċident. Dan żgur jgħodd għall-attur Sean Aġius, billi lanqas l-imħarrek ma jipprova jixħet xi ħjiel ta' dell dwar jekk kienx jaf li ma kellux liċenzja tas-sewqan. Fil-każ tal-attur Dean Aġius, il-kwestjoni titlob aktar reqqa. Ma hemmx dubju li l-attur Dean Aġius għażel minn rajh li jirkeb mal-imħarrek u li ħadd ma ġiegħlu jagħmel din l-għażla[51] (u dan minkejja l-offerta li għamlitlu ommu l-attriċi li twasslu hi fejn xtaq imur). Min-naħa l-oħra, l-imħarrek jgħid li l-attur Dean Aġius tant kien jaf x'kienu ċ-ċirkostanzi, li kienu diġa` qablu li, qabel ma jidħlu f'dik li huwa jsejħilha "mistakes tat-tfal" [52] , jgħid li kienu diġa` ftiehmu hu u l-attur x'kellhom iwieġbu jekk kemm-il darba omm l-attur tistaqsih jekk kellux liċenzja biex isuq[53]. B'din id-difiża, l-imħarrek irid iġib lill-attur Dean Aġius bħala kompliċi miegħu u b'għarfien sħiħ ta' dak li kien għaddej;

---

[48] Ara s-sentenza P.A. RCP 31.5.2011 fil-kawża fl-ismijiet Kevin Żammit vs Maltapost plc (mhix appellata)

[49] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et (mhix appellata)

[50] Xhieda tagħha fil-kontro-eżami f'paġġ. 132 – 3 tal-proċess

[51] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 145 tal-proċess

[52] Xhieda tal-imħarrek Gary Falzon fil-kontro-eżami f'paġ. 209 tal-proċess

[53] Ibid. f'paġ. 213 tal-proċess

Illi madankollu, mill-provi mressqa, jidħlu dubji dwar kemm l-attur Dean Aġius kien tassew jaf jew seta` jaħseb li l-imħarrek ma kienx għad kellu liċenzja tas-sewqan. Iċ-ċirkostanzi li seħħew minnufih wara l-ħabta jixhdu li kien hemmhekk, l-ewwel darba, li l-imħarrek Falzon ta ħjiel lil sħabu li kien daħal f'basla u li ma kellux liċenzja biex isuq. Il-fatt li l-attur Dean Aġius jgħid li għażel li jirkeb mal-imħarrek minn rajh ma tintrabatx mal-għarfien li l-imħarrek ma kellux liċenzja biex isuq, imma mal-fatt li l-imħarrek kien diġa' dewqu din l-avventura (bħalma għamel fil-każ tas-sewqan tal-vettura ta' missier Francesco Cachia Caruana ftit taż-żmien qabel) u kienet ħajritu jerġa' jagħmilha. Kien hemm ukoll il-fatt li l-imħarrek Falzon kellu 'l fuq minn tmintax-il (18) sena u b'hekk seta` jagħti 'l wieħed x'jifhem li kellu wkoll liċenzja biex isuq. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi fattwali jimmilitaw kontra l-imħarrek u l-ħtieġa li huwa jressaq provi ċari u ta' min joqgħod fuqhom li l-attur Dean Aġius kien jaf li hu ma kellux liċenzja biex isuq u, wisq aktar, li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni u li rikeb miegħu b'riskju għalih innifsu. Wara kollox, Dean Aġius u l-imħarrek ma kinux ilhom wisq ħbieb u joħorġu flimkien, u l-imħarrek kien ġa jsuq billi ma kinetx l-ewwel darba li wasslu x'imkien bil-vettura ta' ommu jew saħansitra billi saq il-vettura ta' ħaddieħor;

Illi għalhekk fil-fehma tal-Qorti, ir-responsabilita` għal dak li ġara għandha tintrefa' biss mill-imħarrkin. Il-Qorti issib ħtija f'kull wieħed u waħda mill-imħarrkin b'mod indaqs għaliex nuqqasijiet kien hemm minn kull wieħed jew waħda minnhom, u kull parti trid terfa' r-responsabilita` tagħha. Bi tħaddim tar-regola msemmija fl-artikolu 1050(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti qiegħda ssib li l-imħarrkin jaħtu solidalment lejn l-atturi għall-inċident mertu tal-każ;

Illi mill-provi ħareġ ukoll li l-ġrieħi li ġarrbu l-atturi *proprio* kienu l-effett dirett tal-ħabta tal-karozza li kienu rekbin fiha mal-karozza l-oħra li kienet ġejja middirezzjoni opposta. L-imħarrkin ma jidhirx li jikkontestaw dan il-fatt. Jgħidu, madankollu, li fil-każ tal-attur Sean Aġius, dan ma ġarrab l-ebda debilità li ma tfiqx u lanqas wera li kellu xi danni wara l-ħabta, filwaqt li dwar l-attur Dean Aġius jgħidu li dan sab impieg u ma ġarrab l-ebda telf minħabba dak li ġara dakinhar tal-inċident. Il-fatt hu li l-ħabta ġrat bi ħtija tal-imħarrek u ta' ommu, kif ingħad, u dan huwa biżżejjed biex isejjes l-ewwel talba attriċi; Illi fid-dawl ta' dan, il-Qorti ssib li l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Illi dwar il-**likwidazzjoni tad-danni**, il-liġi trid li kull persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha[54], u jitqies hekk kull min f'għemilu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[55]. Għalhekk kull persuna li għaliex trid, jew għaliex naqset mill-prudenza jew diliġenza, tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li biha tikser dmir impost fuqha mil-liġi, hija obbligata tħallas għall-ħsara li sseħħ minħabba f'hekk, ukoll jekk dan ikun sar mingħajr il-ħsieb li tagħmel ħsara lill ħaddieħor[56] ;

[54] Art. 1031 tal-Kap. 16
[55] Art. 1032(2) tal-Kap. 16
[56] Art. 1033 tal-Kap. 16

Illi l-ħsara li persuna negliġenti trid twieġeb għaliha tikkonsisti (a) fit-telf effettiv li l-persuna mġarrba tbati direttament mill-għemil; (b) fl-ispejjeż minfuqin mill-persuna mġarrba biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li saritilha; (c) fit-telf ta' paga, dħul jew qligħ ieħor attwali; u (d) fit-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem minħabba debilità dejjiema kawżata minn dak l-għemil[57] ;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi qed jippretendu kumpens kemm dwar l-ispejjeż minfuqa (*damnum emergens*), u kif ukoll dwar in-nuqqas jew telf li sejrin iġarrbu minħabba li baqgħu ma fiqux għal kollox mill-ġrieħi li ġarrbu fl-inċident (*lucrum cessans*). Il-Qorti qieset bir-reqqa l-provi mressqin mill-atturi dwar l-ilmenti tagħhom, u jidhrilha li hemm nisġa bejn l-inċident u dak li ġarrbu b'riżultat tal-ħabta. Mir-*Road Traffic Accident Report*[58] moqri flimkien mal-fehmiet tal-konsulenti mediċi mqabbdin ex parte[59], il-Qorti tasal għall-fehma li d-debilità fiżika seħħet fil-ħin tal-ħabta u kienet effett dirett tagħha. Illi l-Qorti ssib li l-fehmiet tal-konsulent mediku kif imsejsa fir-Rapport Mediku ma ġew kontrastati minn ebda espert ieħor, u li fil-fatt l-imħarrkin ma ressqu ebda talba għall-ħatra ta' espert mediku mill-Qorti u lanqas għażlu li jtellgħu għall-kontro-eżami lill-konsulenti mqabbdin mill-atturi;

Illi biex il-Qorti tasal għal kumpens xieraq li l-atturi jistħoqqilhom jingħataw, trid tasal għall-fehma illi dak li qed jitolbu l-atturi bħala damnum emergens ġabu l-prova tiegħu li ntefaq b'riżultat ta' dan l-inċident, filwaqt illi biex tasal għall-kumpens *ta' lucrum cessans*, il-Qorti trid tqis it-telf ta' qligħ li l-atturi setgħu batew diġa' minn dak inhar tal-inċident sal-lum[60], u dak li se' jkollhom ibatu 'l quddiem minħabba l-inkapaċita` għal dejjem li huma jallegaw li ġarrbu fl-inċident mertu tal-każ;

Illi f'dan il-każ, jixraq li din il-Qorti tirrileva li għalkemm l-attriċi fetħet din il-kawża f'isem u in rappreżentanza ta' binha l-attur Sean Aġius, f'xi żmien ressqet provi li bihom trid tindika li kienet hi li ġarrbet danni[61]. Dan għamlitu billi ressqet provi dokumentali[62] biex turi li kellha tieqaf mill-impieg tagħha *full-time* għal xi żmien biex tkun tista' ddur b'binha. Billi l-imsemmija attriċi ma fetħix din il-kawża proprio, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha twettaq xi eżerċizzju ta' likwidazzjoni ta' danni mġarrbin minnha. Fis-sottomissjonijiet tal-għeluq magħmulin minnha, imbagħad, hija lanqas aċċennat aktar għal tali pretensjoni;

Illi fir-rigward tal-attur Sean Aġius, jidher li l-pretensjonijiet tiegħu huma limitati għall-kwestjoni tal-infieq magħmul ('*damnum emergens*'). Għalkemm l-atturi jgħidu li l-attur Sean Aġius kien għadda minn żmien ta' tiġrib psikoloġiku, ma ressqu l-ebda prova ta' kemm din il-qagħda damet fuqu, jew imqar jekk kienx hemm xi nfieq li għamlu biex ħadu l-fehma tal-

---

[57] Art. 1045(1) tal-Kap. 16
[58] Dok. "EC1" f'paġġ 89 – 94 tal-proċess
[59] Dokti. "C1" u "C2" f'paġġ. 37 sa 44 tal-proċess
[60] PA JSP 31.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna (mhux appellata)
[61] Affidavit tagħha, f'paġ. 75 tal-proċess
[62] Dokti f'paġġ. 76 – 8 tal-proċess

konsulent psikologu li jingħad li kien konsultat. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq iċ-ċertifikat tal-kirurgu dentali *ex parte* bħala prova tajba dwar il-qagħda psikoloġika tal-imsemmi attur, għaliex dik il-fergħa ta' xjenza mhijiex waħda li taqa' taħt l-ispeċjalizzazzjoni partikolari tal-imsemmi konsulent, u għaliex jidher ukoll li dik il-kundizzjoni kienet waħda għal żmien sakemm jitqiegħdu l- "*implants*" u l-"*crowns*" b'mod permanenti f'ħalq l-attur u b'hekk titneħħa darba għal dejjem l-kawża li kienet qiegħda ġġiegħlu jistħi jidher quddiem nies jew jissoċjalizza;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur Dean Aġius, ma jidhirx li ressaq pretensjonijiet ta' *damnum emergens* fir-rigward tiegħu, imma jippretendi l-kumpens ta' danni għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*');

Illi għal dak li **jirrigwarda id-*damnum emergens***, l-atturi jgħidu li dawn jikkonsistu fin-nefqa li trid issir biex isirlu trattament temporanju jew dejjiemi meħtieġ biex jitneħħielu darba għal dejjem l-isfreġju li ġarrab fix-xedaq ta' fuq u t-telf ta' snien. L-atturi ma ressqu l-ebda prova ta' nefqa li saret matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża. Madankollu, mir-rapport tal-konsulent dentali mqabbad minnhom, ħareġ li t-trattament ma setax isir qabel ma l-imsemmi attur jagħlaq tmintax jew dsatax-il sena (jiġifieri fl-2014) u għalhekk seta` jsir intervent għal ftit żmien (proteżi fis-sura ta' '*skeleton denture*') li, mbagħad, titneħħa u minflokha jsir it-tqegħid ta' '*porcelain crowns*' b'mod aktar permanenti u għal dejjem. Il-Qorti tifhem li t-trattamenti preskritti saru, għallanqas f'dak li jirrigwarda s-'*skeleton denture*' għaliex l-attur innifsu jgħid[63] li kien ikollu problemi bid-dentatura meta jiġi biex jigdem xi ikel iebes u d-dentatura tinqalagħlu minn postha. Ma ntweriet l-ebda riċevuta dwar kemm tabilħaqq sewa tali trattament. Dwar jekk l-attur irrikorriex għat-trattament permanenti suġġerit, ukoll ma tressqet l-ebda prova. Madankollu, ħadd mill-imħarrkin ma miera s-sejbiet tal-konsulent ex parte jew qanqal xi dubju li n-nefqiet stmati biex isirlu dak li kellu jsir ma kinux rejalistiċi jew imġebbda. Għall-kuntrarju, jekk l-attur għadu ma rrikorriex għall-imsemmi trattament, kulma jmur aktar hemm il-possibilita' li n-nefqa taf tkun akbar; Illi, kif ingħad, ma tressqet l-ebda pretensjoni oħra dwar '*damnum emergens*' min-naħa tal-atturi. Għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-istejjem magħmula fir-rapport mediku ex parte u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur Sean Aġius fis-somma ta' sebat elef u ħamsin ewro (€7,050) bħala nefqa għat-trattament dentali meħtieġ b'riżultat tal-inċident;

Illi għal dak li **jirrigwarda l-*lucrum cessans***, l-atturi jidhru li jorbtu din il-pretensjoni tagħhom mal-fatt li Sean u Dean batew u għadhom ibatu l-konsegwenzi ta' l-inċident. Il-Qorti diġa` qieset li fir-rigward tal-attur Sean Aġius, ma jirriżulta li jistħoqq li ssir l-ebda komputazzjoni ta' danni taħt din ir-ras. Sejra tqis jekk hemmx lok li ssir likwidazzjoni fir-rigward tal-attur Dean Aġius;

Illi l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunita` għall-

---

[63] Affidavit tiegħu f'paġġ. 65 – 6 tal-proċess

vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għaliha, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[64] ;

Illi kif ingħad mill-Qrati Maltin[65], "*mhux neċessarju li debilità permanenti tkun waħda fiżika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tiegħu ta' xogħol minħabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setgħet ukoll tkun debilita' psikika li timmanifesta ruħha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapaċita' għax-xogħol ta' l-individwu. Li kien meħtieġ pero' hu li jiġi stabbilit lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li tali debilita' kawżata minn debilità psikika tkun direttament kawżata mill-inċident li għalih kien responsabbli l-konvenut, u inoltre, li d-diżabilita' tkun waħda permanenti. Filwaqt li hemm diffikulta' tal-prova f'dan il-kamp, ċertament ma jistax jiġi eskluż li jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-ħsara provokata minn inċident, anke stradali, ma tkunx daqstant fiżika daqs kemm psikika. Filwaqt li jista' jkun li jkun hemm ħsara fiżika li ma tkunx ta' natura permanenti, mhux eskluż li tali ħsara setgħet tipprovoka debilità psikoloġika permanenti li tista' wkoll tkun kwantifikata f'telf ta' qliegħ futur*";

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, it-telf ta' qligħ imġarrab u dak tal-ġejjieni jrid jiġi mistħarreġ fil-kuntest li meta seħħ l-inċident, l-attur Dean Aġius kien għad għandu sbatax-il (17) sena;

Illi tidħol hawnhekk konsiderazzjoni tal-kejl tal-*multiplier* li għandu jintuża biex jitqies l-ammont tal-kumpens mistħoqq. Huwa aċċettat li l-kriterju ta' kif wieħed iqis il-kejl tal-multiplier huwa wieħed li jagħti diskrezzjoni lill-ġudikant, li huwa mistenni li jqis u jiżen iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl ta' twettiq ta' eżerċizzju li jagħti kumpens b'ħaqq u mhux b'xi mantra matematika[66] . Minbarra dan, illum il-ġurnata l-kejl ta' dan il-fattur ma għadux jintrabat tabilfors mat-tul tal-ħajja tax-xogħol tal-parti mġarrba, imma ma' l-istennija ta' kemm bniedem, minkejja li jkun waqaf mix-xogħol, jaf jagħmel attivita` li tirrendilu ekonomikament. Minħabba f'hekk li, f'każijiet ta' korriment ta' persuni li jkunu qabżu l-eta` tal-irtirar, jingħata wkoll kumpens għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, u wara li l-Qorti qabblet il-qagħda tal-attur ma' oħrajn bħalha f'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti sejra tadotta multiplier ta' sebgħa u tletin (37) sena; Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se' jsir f'daqqa (dak li jissejjaħ 'lump sum payment'), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[67]. F'dan il-każ, l-atturi fetħu l-kawża sena u xahrejn wara l-inċident, u għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis proporzjonat skond ir-regoli mħaddna li missomma titnaqqas perċentwali ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li tgħaddi minn dakinhar li nfetħet il-kawża sa

---

[64] App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez. Vol: LXXXII.ii.242)
[65] App. Ċiv. 15.1.2002 fil-kawża fl-ismijiet Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana
[66] P.A. JZM 13.7.2010 fil-kawża fl-ismijiet Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-30.5.2014)
[67] App. Ċiv. 27.2.2004 fil-kawża fl-ismijiet Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri

dakinhar li tingħata s-sentenza[68] . Għalhekk, sejjer isir tnaqqis ta' tnax fil-mija (12%) mis-somma ta' danni likwidati; Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tal-grad ta' debilità mġarrba mill-attur Dean Aġius, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. L-espert mediku ex parte wasal għall-fehma li l-attur għandu grad ta' debilità ta' ħmistax fil-mija (15%). Din il-qagħda hija waħda li ma tgħaddix u se jibqa' jġorrha għal ħajtu kollha. Il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li m'għandhiex raġuni tajba għalfejn m'għandhiex toqgħod fuq dik il-kostatazzjoni tal-espert mediku *ex parte*;

Illi meta l-vittma ta' inċident ma tkunx taħdem bi qligħ fiż-żmien li dak l-inċident iseħħ, il-prattika hi li jingħata valur marbut mal-paga minima li tkun tgħodd għal dak iż-żmien[69] . Ta' min jgħid li bil-liġi, il-paga minima preskritta tiddependi wkoll mill-eta` tal-ħaddiem li jkun[70]: fil-każ tal-attur Dean Aġius, dan kien għad għandu sbatax-il (17) sena dakinhar tal-inċident. B'hekk, il-paga minima li kienet tgħodd għall-attur dakinhar kienet titla' għal mija ħamsa u erbgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€145.51) fil-ġimgħa. Meta wieħed iqis il-'multiplier'li se' jkun jgħodd għall-każ tal-lum flimkien ma' xi żidiet li tabilfors isiru fil-każ tal-paga minima[71] (magħdud il-fatt li l-attur se jkun qabeż għall-ogħla skala), jidher xieraq li għall-għanijiet ta' kalkolu, il-Qorti tqis ammont medju ta' mija u tmenin (€180) kull ġimgħa, jew disat elef, tliet mija u sittin ewro (€9,360) bħala moltiplikand;

Illi wara li qieset dawn il-fatturi kollha, il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur Dean Aġius bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni fis-somma ta' ħamsa u erbgħin elf seba' mija u erbatax-il euro (€45,714) [72] liema danni għandhom jagħmlu tajjeb għalihom l-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom;

Illi għalhekk, b'kollox, l-imħarrkin iridu jħallsu lill-atturi Sean u Dean Aġius is-somma ta' tnejn u ħamsin elf seba' mija u erbgħa u sittin euro (€ 52,764), jiġifieri sebat elef u ħamsin euro (€ 7,050) bħala '*damnum emergens'* dovuti lill-attur Sean Aġius u ħamsa u erbgħin elf seba' mija u erbatax-il euro (€45,714) bħala '*lucrum cessans*' dovuti lill-attur Dean Aġius;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet imqajma mill-imħarrkin u mill-kumpannija intervenuta bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[68] Ara, fost oħrajn, P.A. JSP 30.3.1993 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Abela vs Martin Spagnol u App. Ċiv. 3.2.2009 fil-kawża fl-ismijiet Luana Deguara vs Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et noe

[69] P.A. NA 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Schembri vs David Tanti

[70] AraA.L. 126/1992 (L.S. 452.71)

[71] Sal-waqt li qiegħda tingħata s-sentenza, ir-rata ta' Paga Minima f'Jannar tal-2018 hija stabilita fl-ammont ta' €172.51 kull ġimgħa

[72] €9,360 x 37 x 0.15 x 0.88 = € 45,714

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib lill-imħarrkin solidalment responsabbli għad-danni mġarrba mill-atturi Sean u Dean, aħwa Aġius, b'riżultat tal-inċident li seħħ fit-3 ta' Ottubru, 2010, fi Triq il-Bidnija, fil-limiti tal-Mosta;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-imsemmija atturi fis-somma ta' tnejn u ħamsin elf seba' mija u erbgħa u sittin euro (€ 52,764), jiġifieri sebat elef u ħamsin euro (€ 7,050) bħala '*damnum emergens'* dovuti lill-attur Sean Aġius u ħamsa u erbgħin elf seba' mija u erbatax-il euro (€45,714) bħala '*lucrum cessans'* dovuti lill-attur Dean Aġius;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-atturi is-somma ta'is-somma ta' tnejn u ħamsin elf seba' mija u erbgħa u sittin euro (€ 52,764), flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin u tal-intervenut fil-kawża, bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** lill-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**, filwaqt li l-kumpannija intervenuta fil-kawża tħallas l-ispejjeż tagħha."

## APPELL PRINĊIPALI ta' Maria Rosaria Falzon (04.06.2018):

5. L-aggravji tal-konvenuta Maria Rosaria Falzon huma s-segwenti:

### (1) L-ewwel aggravju:

*L-ebda responsabbiltà għall-inċident ma kellha tiġi addebitata lilha*

Fl-ewwel lok issostni li hija aġixxiet ta' *bonuspaterfamilias* billi qatt ma ppermettiet lil binha jsuq il-vettura tagħha; tenfasizza li spiċċat fil-pussess tiegħu għaliex kien talabha ssellifha għal ftit ġranet lil sieħbu li evidentement kellu liċenzja tas-sewqan.

Iżżid tgħid li binha Gary kien maġġorenni meta seħħ l-inċident u għalhekk l-ebda responsabbiltà legali ma tista' tiġi addebitata lilha bħala ġenitur responsabbli għall-azzjonijiet ta' binha. Għalhekk issostni li kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

**(2) It-tieni aggravju**:

*Josette, Dean u Sean Agius ikkontribwixxew għall-ħsara li ġarrbu*

Fit-tieni lok (u mingħajr preġudizzju għal dak sottomess) issostni li l-Ewwel Qorti messha sabet li kemm Josette Agius (omm Dean u Sean Agius) kif ukoll l-istess aħwa Agius, partikolarment Dean Agius, kollha kkontribwew b'xi mod għall-ħsara li ġarrbu.

Kwantu għal Josette Agius targumenta li mill-provi jirriżulta li kienet konxja tal-fatt li Gary Falzon ma kellux liċenzja u allura kellha tieħu l-prekawzjonijiet kollha biex tassigura li uliedha (dak iż-żmien minorenni) ma jitilgħux fil-karozza miegħu.

Kwantu għall-aħwa Agius tfakkar li Sean Agius kien xehed li Gary Falzon ma kienx jaf isuq, u Dean Agius kien diġa tela' miegħu bħala passiġġier xi ħames darbiet u għalhekk kellu jkun jaf li Gary Falzon ma jafx isuq.

**<u>APPELL INĊIDENTALI ta' Josette u Carmel Agius għan-nom u f'isem binhom Sean, u ta' Dean Agius (19.07.2018):</u>**

6. Wara li wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, l-atturi appellati interponew appell inċidentali. L-aggravju tagħhom jirrigwarda l-kwantum tad-danni likwidati mill-Ewwel Qorti.

7. Filwaqt li jaqblu mas-somma ta' €7,050 likwidata *in linea* ta' *damnum emergens* dovuti lil Sean Agius, ma jaqblux mas-somma ta' €45,714 likwidata *in linea* ta' *lucrum cessans* dovuti lil Dean Agius, fejn *invece* f'dan ir-rigward jippretendu s-somma ta' €75,141.50 jew somma oħra verjuri. Għalhekk jitolbu li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tiġi varjata f'dan is-sens, bl-ispejjeż tal-Ewwel Istanza kontra l-konvenuti kollha, u bl-ispejjeż tal-appell kontra Maria Rosaria Falzon.

**<u>RISPOSTA ta' Maria Rosaria Falzon għall-appell inċidentali (17.09.2018):</u>**

8. Maria Rosaria Falzon wieġbet biex tgħid għaliex l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**<u>RISPOSTA ta' Mapfre Middlesea Plc għall-appell inċidentali (23.01.2020):</u>**

9. Is-soċjetà Mapfre Middlesea Plc ukoll wieġbet biex tgħid għaliex l-appell inċidentali għandu jiġi miċħud.

**<u>GARY FALZON MA WEĠIBX GĦALL-APPELL INĊIDENTALI:</u>**

10. Minkejja li l-konvenut Gary Falzon ġie notifikat bl-appell inċidentali fis-27 ta' Marzu 2019 baqa' ma ppreżenta l-ebda risposta fir-rigward.

**<u>L-APPELL PRINĊIPALI HUWA DEŻERT:</u>**

11. Fis-seduta tat-<u>13 ta' Frar 2023</u> din il-Qorti rrilevat li l-konvenut Gary Falzon kien għadu mhux notifikat bl-appell prinċipali u għalhekk *ai termini* tal-Art. 963 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ddiferiet dan l-appell għal darba waħda biss għan-notifika tiegħu.

12. Fis-seduta tal-<u>20 ta' Marzu 2023</u> l-appell ġie differit għan-notifika.

13. **Fis-seduta tat-<u>8 ta' Mejju 2023</u> din il-Qorti ddikjarat l-appell prinċipali bħala deżert:**

*"Billi jirriżulta li Gary Falzon baqa' ma ġiex notifikat bir-rikors tal-appell,*

*nonostante l-verbal tal-Qorti tat-13 ta' Frar 2023, l-appell qed jiġi dikjarat deżert.*

*L-appell qed jiġi differit għat-trattazzjoni tal-appell inċidentali għas-26 ta' Ġunju 2023…"*

14. Dakinhar stess, fit-8 ta' Mejju 2023, Maria Rosaria Falzon ippreżentat rikors fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha u tirriappunta l-appell prinċipali tagħha għat-trattazzjoni. **Tali rikors ġie miċħud permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tat-13 ta' Ġunju 2023:**

*"Il-Qorti reġgħet rat ir-rikors ta' Maria Rosaria Falzon tat-8 ta' Mejju 2023.*

*Rat ir-risposti ta' Mapfre Middlesea u Josette Agius.*

*Billi l-verbal tal-Qorti tat-13 ta' Frar 2023 kien ċar għal dak li kien għad jonqos li jsir bħala notifika u ngħatat l-ordni ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kap 12, l-effetti tagħhom ma jistgħux jinbiddlu għar-raġuni mogħtija mir-rikorrenti.*

*Għalhekk tiċħad it-talba."*

## SENTENZA PRELIMINARI TAL-15 TA' JANNAR 2024:

15. Fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2023 is-soċjetà intervenuta qajmet in-nullità tal-appell inċidentali. Hija rrilevat hekk:

*"L-Av. Vella għall-intervenuta fil-kawża tirrileva illi ai termini tal-Artikolu 787(1) tal-Kodiċi ta' Origanizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appell inċidentali intavolat minn Josette u Carmel Agius għan-nom ta' binhom Sean Agius, u Dean Agius huwa null in vista li meta ġie intavolat l-istess appell Sean Agius kien diġa maġġorenni, iżda fl-ebda mument ma assuma l-atti f' ismu, u fil-fatt l-appell inċidentali ġie intavolat mill-ġenituri tiegħu li ma kinu debitament awtorizzati għal dan l-iskop."*

16. <u>Din il-Qorti fis-sentenza preliminari mogħtija minnha fil-15 ta' Jannar 2024 ċaħdet tali eċċezzjoni tan-nullità</u> wara li qieset li l-appell inċidentali effettivament jirrigwarda l-kwantum tad-danni likwidati fil-konfront ta' Dean Agius biss, u li għalhekk teknikament ma jeżisti l-ebda appell fir-rigward ta' Sean Agius.

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET:</u>**

17. Din is-sentenza għalhekk hija limitata għall-appell inċidentali rigwardanti l-ammont ta' danni *in linea* ta' *lucrum cessans* likwidati favur l-attur Dean Agius.

18. L-Ewwel Qorti qieset li meta seħħ l-inċident in kwistjoni Dean Agius kellu sbatax(17)-il sena u addottat ***multiplier* ta' 37.**

19. Qieset ukoll li l-espert mediku *ex parte* kkonstata li Dean Agius sofra grad ta' **debilità ta' ħmistax fil-mija (15%)** u ma ratx li kien hemm raġuni għaliex ma kellhiex toqgħod fuq tali rata.

20. Biex wasslet għall-introjtu applikabbli qieset li l-paga minima għal persuni ta' 17-il sena fl-2010 kien ta' <u>€145.51 fil-ġimgħa</u>, u li sal-waqt li ngħatat is-sentenza (2018) l-paga minima għal persuni ta' minn 18-il sena 'il fuq kienet ta' <u>€172.51 fil-ġimgħa</u>, u wara li ħadet in konsiderazzjoni il-

*multiplier* ta' 37 sena li ser ikun jgħodd għal dan il-każ, dehrilha li jkun xieraq għall-għanijiet ta' kalkolu li tittieħed is-somma ta' €180 fil-ġimgħa **(€9,360 fis-sena) bħala l-moltiplikand.**

21. Hija applikat ukoll ***lump sum deduction* ta' 12%.**

22. Għalhekk wara li qieset dawn il-fatturi kollha llikwidat l-ammont ta' danni *in linea* ta' *lucrum cessans* favur l-attur Dean Agius fis-somma ta' €45,714.

(€9,360 x 37 x 15% = 51,948 – 12% = €45,714)

23. L-aggravju ta' Dean Agius imressaq fl-appell inċidentali jirrigwarda:

(i) l-valur tal-moltiplikand (fejn isostni li dan kellu jkun €14,590 jew għall-anqas €10,849.80, iżda mhux €9,360 kif ikkalkulat l-Ewwel Qorti), u

(ii) l-*lump sum payment deduction* (fejn isostni li ma kellu jiġi applikat l-ebda tnaqqis).

Skontu, għalhekk, id-danni *in linea* ta' *lucrum cessans* kellhom jiġu likwidati fl-ammont ta' €75,141.50 (€14,590.45 x 37 x 15%) jew somma oħra verjuri.

24. Għal dak li jirrigwarda l-valur tal-moltiplikand l-appellant isostni li paga minima nazzjonali li kellha tiġi addottata kellha tkun dik applikabbli għal persuni li jkunu għalqu t-tmintax-il sena u mhux dik applikabbli għal persuni li għandhom sbatax-il sena, peress li d-debilità permanenti li sofra ser iġorrha miegħu għal għomru u tul il-ħajja adulta tiegħu mhux bħala ġuvni ta' sbatax-il sena. *In oltre* jilmenta li l-Ewwel Qorti ma ħaditx kont meqjus taż-żidiet fl-għoli tal-ħajja meta ħadet l-ammont ta' €180 bħala l-medja tal-paga minima fil-ġimgħa. Jgħid li effettivament l-Ewwel Qorti qieset l-inflazzjoni bir-rata ta' ċirka 24% fuq medda ta' 37 sena u jilmenta li din hija baxxa wisq. Isostni li l-prassi ta' din il-Qorti hi li wieħed jikkunsidra li normalment il-paga minima nazzjonali tiżdied b'€303.78 kull sena[73] u jkompli hekk:

> *"Applikati dawn il-prinċipji, wieħed għandu jieħu l-medja tal-paga minima viġenti fid-data tal-inċident (€7,919.08) u dik sebgħa u tletin sena wara (€19,158.94) u dan iwassal għall-figura medja ta' €13,539.01. B' dawn il-parametri d-danni qua lucrum cessans li sofra l-esponenti Dean Agius għandu jiġi komputat kif ġej: €14,590 x 37 x 15% = €75,141.50."*

25. Fl-agħar ipotesi jgħid li l-moltiplikand għandu jkun ta' €10,849.80, li jwassal għal danni *in linea* ta' *lucrum cessans* fl-ammont ta' €60,216.39 (€10,849.80 x 37 x 15%).

26. Din il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza mogħtija minnha fis-26 ta' Novembru 2024 fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Saliba et vs Dr Michael***

[73] F'dan ir-rigward jirreferi għal Noel Abdilla v Charlot Cumbo (24.11.2017) u Joe Caruana v Philip Chircop & Sons Ltd (24.04.2015)

***Portelli***[74] fejn l-introjtu tul is-snin tal-*multiplier*, meħud kont ukoll tar-rata ta' inflazzjoni ġiet ikkalkulata:

> *"(i) billi tiġi stabbilita r-rata ta' inflazzjoni medja mis-sena tal-inċident 'l hawn,*
>
> *(ii) imbagħad bl-applikazzjoni ta' tali rata ta' inflazzjoni medja jinħadem l-introjtu individwalment għal kull sena tal-multiplier, u*
>
> *(iii) finalment tittieħed il-medja tagħhom."*

27. Wara li rat l-iskeda tal-indiċi tal-inflazzjoni għal kull sena li tinsab mal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet tal-Art. 13(1) tal-istess Kapitolu, u wara li qieset ir-rati tal-inflazzjoni mis-sena 2010 (meta seħħ l-inċident) sas-sena 2023 (li hija l-aħħar rata disponibbli fiż-żmien tal-likwidazzjoni) din il-Qorti sabet li r-rata ta' inflazzjoni medja hija dik ta' 1.97%, kif jirriżulta mis-segwenti tabella:

| **Sena** | **Indiċi tal-inflazzjoni** | **% mis-sena preċedenti** |
|---|---|---|
| 2009 | 758.58 | |
| **2010** | **770.07** | **1.51(sena tal-inċident)** |
| 2011 | 791.02 | 2.72 |
| 2012 | 810.16 | 2.42 |
| 2013 | 821.34 | 1.38 |
| 2014 | 823.89 | 0.31 |
| 2015 | 832.95 | 1.10 |
| 2016 | 838.29 | 0.64 |
| 2017 | 849.77 | 1.37 |
| 2018 | 859.63 | 1.16 |
| 2019 | 873.73 | 1.64 |
| 2020 | 879.32 | 0.64 |
| 2021 | 892.51 | 1.50 |
| 2022 | 947.40 | 6.15 |
| 2023 | 995.62 | 5.09 |
| | | **27.63 ÷ 14 = 1.97% (inflazzjoni medja)** |

[74] MCH/RGM/GM; Ara wkoll **Catherine Mifsud v. Josef Vella** (Q. Appell – MCH/JRM/TM-25.10.2023)

28. Fis-sena 2010 il-paga minima għal persuni ta' sbatax(17)-il sena kienet ta' €145.51 fil-ġimgħa (€7,566.52 fis-sena) u fis-sena 2011 il-paga minima għal persuni ta' tmintax(18)-il sena kienet ta' €153.45 fil-ġimgħa (€7,979.40) fis-sena). Peress li l-inċident seħħ lejn l-aħħar tas-sena 2010 din il-Qorti ser tikkalkula l-*multiplier* mis-sena 2011 u bil-paga minima ta' persuna ta' tmintax-il sena, cjoè dik ta' €7,979.40.

29. B'rata ta' inflazzjoni medja ta' 1.97% ifisser li fuq medda ta' sebgħa u tletin (37) sena l-introjtu għal kull sena tal-*multiplier* huwa kif jirriżulta mis-segwenti tabella:

| **Sena** | **Introjtu tas-sena preċedenti (€)** | **Inflazzjoni ta' 1.97% fuq l-introjtu tas-sena preċedenti (€)** | **Introjtu (€)** |
|---|---|---|---|
| 2011 | | | 7,949.40 |
| 2012 | 7,949.40 | 156.60 | 8,106.00 |
| 2013 | 8,106.00 | 159.69 | 8,265.69 |
| 2014 | 8,265.69 | 162.83 | 8,428.52 |
| 2015 | 8,428.52 | 166.04 | 8,594.56 |
| 2016 | 8,594.56 | 169.31 | 8,763.87 |
| 2017 | 8,763.87 | 172.65 | 8,936.52 |
| 2018 | 8,936.52 | 176.05 | 9,112.57 |
| 2019 | 9,112.57 | 179.52 | 9,292.09 |
| 2020 | 9,292.09 | 183.05 | 9,475.14 |
| 2021 | 9,475.14 | 186.66 | 9,661.80 |
| 2022 | 9,661.80 | 190.34 | 9,852.14 |
| 2023 | 9,852.14 | 194.09 | 10,046.23 |
| 2024 | 10,046.23 | 197.91 | 10,244.14 |
| 2025 | 10,244.14 | 201.81 | 10,445.95 |
| 2026 | 10,445.95 | 205.79 | 10,651.74 |
| 2027 | 10,651.74 | 209.84 | 10,861.58 |
| 2028 | 10,861.58 | 213.97 | 11,075.55 |
| 2029 | 11,075.55 | 218.19 | 11,293.74 |
| 2030 | 11,293.74 | 222.49 | 11,516.23 |
| 2031 | 11,516.23 | 226.87 | 11,743.10 |
| 2032 | 11,743.10 | 231.34 | 11,974.44 |
| 2033 | 11,974.44 | 235.90 | 12,210.34 |
| 2034 | 12,210.34 | 240.54 | 12,450.88 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2035 | 12,450.88 | 245.28 | 12,696.16 |
| 2036 | 12,696.16 | 250.11 | 12,946.27 |
| 2037 | 12,946.27 | 255.04 | 13,201.31 |
| 2038 | 13,201.31 | 260.07 | 13,461.38 |
| 2039 | 13,461.38 | 265.19 | 13,726.57 |
| 2040 | 13,726.57 | 270.41 | 13,996.98 |
| 2041 | 13,996.98 | 275.74 | 14,272.72 |
| 2042 | 14,272.72 | 281.17 | 14,553.89 |
| 2043 | 14,553.89 | 286.71 | 14,840.60 |
| 2044 | 14,840.60 | 292.36 | 15,132.96 |
| 2045 | 15,132.96 | 298.12 | 15,431.08 |
| 2046 | 15,431.08 | 304.00 | 15,735.08 |
| 2047 | 15,735.08 | 309.98 | 16,045.06 |
| **TOTAL** | | | **426,992.28** |

30. Għalhekk l-introjtu medju tul is-sebgħa u tletin (37) sena tal-*multiplier* qed jiġi kkalkulat fl-ammont ta' **<u>€11,540.33</u>** (€426,992.28 ÷ 37). Huwa dan l-ammont ta' €11,540.33, li diġà jikkomprendi fih l-inflazzjoni għal tul is-sebgħa u tletin (37) sena tal-*multiplier,* li għandu jittieħed in konsiderazzjoni bħala l-ammont tal-introjtu għall-finijiet tal-likwidazzjoni (il-moltiplikand).

31. Il-Qorti tqis li kull każ għandu l-fattispecie partikolari tiegħu u l-kalkolu li sar f'dan il-każ ma għandux jitqies bħala xi prinċipju regolatur għal kalkolu tal-*multiplier* f'kull kawża. Wara kollox il-Kapitolu 158 li ttieħed bħala bażi għal fini ta' żieda fil-paga ma jitkellimx fuq l-inflazzjoni għal fini ta' żidiet fil-paga iżda għal fini ta' għoli tal-ħajja li hi xi ħaġa differenti. Madankollu l-Qorti tqis li l-kalkolu magħmul f'dan l-appell jilħaq livell tajjeb ta' ġustizzja u raġonevolezza.

32. <u>Għal dak li jirrigwarda l-*lump sum deduction*</u>, Dean Agius iħossu aggravat bil-fatt li l-Ewwel Qorti applikat tnaqqis ta' 12% fir-rigward. Huwa *invece* isostni li m'għandu jiġi applikat l-ebda tnaqqis tenut kont taż-żmien li jkun għadda sas-sentenza finali. Jgħid li jekk in pessima ipotesi din il-Qorti jidhrilha li għandu jsir tnaqqis, mir-rata ta' tnaqqis ta' 20% għandu jonqos perċentwali ta' 2% għal kull sena ta' dewmien mill-kawża u għalhekk id-deduzzjoni għandha tkun ta' 6% billi għaddew kważi seba' (7) snin mill-ftuħ tal-kawża sas-sentenza tal-Ewwel Qorti (20% - 14% = 2%).

33. Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minnha[75] fil-15 ta' Ġunju 2023 fil-kawża fl-ismijiet **Trevor Grech vs Lawrence Agius** fejn applikat *lump sum payment deduction* ta' 2% tenut kont tal-fatt li kienu għaddew disa' (9) snin minn meta nbdew il-proċeduri sakemm il-kawża ġiet deċiża finalment (cjoè tnaqqis ta' 2% minn 20% għal kull sena li l-kawża damet biex tiġi deċiża). Hija rriteniet hekk:

> *"82. Il-konvenut appellant iżda jgħid fl-appell tiegħu, li kull somma likwidata favur l-attur appellat għandha tkun soġġetta għar-regola tal-lump sum reduction fl-ammont ta' 20%. Dan it-tnaqqis isir għaliex l-attur ikun qiegħed jieħu bil-quddiem il-qligħ li, li kieku ma kienx għall-inċident, kien jieħdu fil-ġejjieni (ara* ***Raymond Sammut v. Anthony Micallef*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 2015).*
>
> *83. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li s-soltu jkun hemm tnaqqis mis-somma likwidata minħabba l-fatt li jkun ser isir ħlas f'daqqa, madankollu huwa miżmum ukoll fil-ġurisprudenza, li l-perċentwal ta' għoxrin fil-mija jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena li l-kawża iddum biex tiġi deċiża (ara* ***Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited et***

[75] MCH/CFS/JD

*deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022,* ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020,* ***Camille Borg Canalis v. Joseph Borg*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar, 2008 u* ***Emanuel Galea v. Pierre Scicluna*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2007).*

*84. Għalkemm il-ġurisprudenza mhux dejjem kienet taqbel f'dan ir-rigward, jidher li l-parti l-kbira tas-sentenzi jmilu lejn il-pożizzjoni li t-tnaqqis minħabba l-lump sum payment għandu jibda jiġi maħdum minn meta tiġi mressqa l-kawża u mhux minn meta jiġri l-inċident (ara* ***Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2022,* ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021,* ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020****, Anna Sammut et v. Sammy Meilaq nomine et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005 u* ***Annunzjata Caruana v. Odette Camilleri*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004).*

*85. Jekk il-kawża ddum aktar minn għaxar snin biex tinqata', ġeneralment l-ebda tnaqqis ma jsir mis-somma likwidata (ara* ***Richard Attard et v. Road Construction Co. Ltd et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021,* ***Ian Dimech v. Mediterranean Trading Shipping Company Limited et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021,* ***L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino nomine v. Angelo Xuereb nomine et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar, 2009 u* ***Lawrence Caruana v. Anthony Falzon*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).*

*86. Meta l-Qorti tqis li din is-sentenza finali qiegħda tingħata disa' snin wara li nbdew dawn il-proċeduri, din il-Qorti tara li għandu jkun hemm tnaqqis biss ta' 2% mis-somma likwidata."*

34. Fid-dawl tas-suċitat, u wara li ikkunsidrat il-fatt li din il-kawża ħadet tlettax(13)-il sena biex tiġi deċiża finalment, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-każ li jiġi applikat lump *sum payment deduction.*

**<u>DECIDE:</u>**

35. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell inċidentali tal-attur Dean Agius billi qiegħda tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti in kwantu

l-ammont tad-danni sofferti minnu *in linea* ta' *lucrum cessans* ġie likwidat fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf, sebgħa mija u erbatax-il ewro (€45,714), fejn *invece* din il-Qorti qiegħda tillikwida tali danni fl-ammont ta' **erbgħa u sittin elf, tmienja u erbgħin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€64,048.83)**[76], u tikkonfermaha fil-kumplament.

36. L-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu mill-konvenuti u mis-soċjetà intervenuta Mapfre Middlesea.

37. L-ispejjeż tal-appell prinċipali tal-konvenuta Maria Rosaria Falzon (li mar deżert) għandhom jitħallsu minnha stess.

38. L-intervenut iħallas l-ispejjeż tiegħu.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
jb

[76] €11,540.33 x 37 x 15%